MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 32/2010/1

**Anthony Grima**
***versus***
**Josianne Grima u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2011, Josianne Grima ġiet nominata kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-minuri Manwela Grima u Marilyn Grima; Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li ċaħdet talba tiegħu għal dikjarazzjoni illi wlied martu ma humiex uliedu u biex issir il-korrezzjoni relativa fl-att ta' twelid tagħhom.
2. L-attur kien fisser illi martu, il-konvenuta, matul iż-żwieġ kienet welldet żewġ ulied li iżda issa, wara eżamijiet

ġenetiċi, sar jaf illi ma humiex tiegħu. Għalhekk talab illi l-qorti, wara li tgħid illi hu ma huwiex il-missier naturali ta' dawn l-ulied, tordna illi jsiru t-tibdiliet meħtieġa fl-att ta' twelid tagħhom.

3. Il-konvenuta wieġbet illi huwa minnu illi l-attur ma huwiex il-missier naturali ta' wliedha iżda qalet ukoll illi "dana l-fatt huwa riżultat ta' deċiżjoni konsenswali bejn il-partijiet". Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb illi hu ma jafx il-fatti u li ma għandux jeħel spejjeż.

4. Bis-sentenza appellata l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Huwa evidenti li l-attur għamel din il-kawża bis-saħħa tal-*proviso* introdott fl-artikolu 73 tal-Kap. 16 wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża <u>Maurice Mizzi *vs* Malta</u>. Dik is-sentenza kienet irri-konoxxiet id-dritt tar-raġel li jimpunja l-filjazzjoni ta' wliedu, anke wara li jkunu skadew it-termini indikati fl-istess artikolu. Fil-każ in eżami l-minuri twieldu snin qabel ma ġiet intavolata l-kawża preżenti u għalhekk l-attur inqeda bil-fakoltà mogħtija b'dan il-*proviso*. Madankollu l-attur donnu jippretendi illi għax ġie mogħti l-possibilità li jikkontesta l-filjazzjoni ta' uliedu, huwa ma kien jenħtieġlu jressaq ebda provi oħra għajr dawk xjentifiċi li ikkonkludew illi l-minuri tassew ma jistgħux ikunu l-ulied naturali tiegħu. Il-konvenuta Josianne Grima tidher li taqbel mat-talbiet attriċi; … … …

«Imma, minkejja dak kollu li seta' ngħad fil-kawża hawn fuq ċitata <u>Mizzi *vs* Malta</u> dwar id-dritt tar-raġel li jattakka l-filjazzjoni tal-ulied li jitwieldu fiż-żwieġ, u l-provi xjentifiċi inekwivoċi f'dan ir-rigward, l-artikolu 81(2) tal-Kodiċi Ċivili tagħna xorta waħda għadu jesiġi illi f'każ bħal dan: "... ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att ta' twelid tiegħu".

«Għalhekk, u kif hu aċċettat mill-ġurisprudenza lokali, din l-azzjoni hija waħda subordinata għall-artikolu 81. … … …

«Infatti l-liġi tagħna wkoll tagħmel din il-presunzjoni fl-artikolu 67 tal-Kap. 16: "L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu".

«Fil-każ in eżami jirriżulta illi l-minuri għandhom fil-fatt stat leġittimu, u fiċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom jidher illi

ngħataw kunjom ir-raġel ta' ommhom. Imma b'daqshekk ma jfissirx illi ma jistgħux jitressqu provi li jindikaw, fil-grad ta' ċertezza meħtieġa mil-liġi, illi huma għandhom il-pussess ta' stat differenti minn dak li jidher fuq l-att tat-twelid tagħhom. Il-prova tal-istat ta' iben leġittimu hi magħmula minn ġabra ta' fatturi, ewlenin fosthom dawk elenkati fl-artikolu 80(2) tal-Kap. 16. … … …
«… … …
«Huwa evidenti … illi l-provvedimenti tal-artikolu 81 tal-Kap. 16 ma jistgħux iżommu lill-ġudikant milli jagħmel l-indaġini meħtieġa sabiex jiġi stabilit jekk jeżistix jew le l-pussess ta' stat ta' iben leġittimu konformi mal-att tat-twelid tiegħu.
«Imma fil-każ in eżami, apparti r-riżultat tal-eżamijiet bijoloġiċi li saru fuq l-attur, il-konvenuta martu u ż-żewġ minuri, li minnhom ħareġ indubbjament illi l-minuri mhumiex l-ulied naturali tal-attur, ma tressqu ebda provi oħra li jistgħu jindikaw illi dawn għandhom xi stat differenti minn dak li jidher fuq iċ- ċertifikati tat-twelid tagħhom. Anzi, kif rajna, dawn iċ-ċertifikati juru illi ż-żewġ minuri huma tfal leġittimi li twieldu waqt iż-żwieġ [tal-attur mal-konvenuta]. La ġie allegat li dawn kienu qed jgħixu separatament meta twieldu jew kienu qed jitrabbew dawn il-minuri, la li l-attur qatt qabel irrifjuta li jagħrafhom bħala wliedu jew li rrifjuta li jmantnihom u lanqas ebda tip ta' prova oħra li setgħet tindika li l-minuri kellhom stat differenti minn dak li juru ċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom. Huwa ovvju f'tali ċirkostanzi illi l-attur ma rnexxilux iwaqqa' b'mod sodisfaċenti biżżejjed il-preżunzjoni tal-liġi li toħroġ mill-artikolu 81 tal-Kap. 16, u konsegwentement it-talbiet tiegħu ma jistgħux jiġu milqugħa.»
5. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-13 ta' Lulju 2011. L-aggravju essenzjalment huwa illi l-ewwel qorti, għalkemm qalet illi r-riżultati tal-eżamijiet ġenetiċi juru biż-żgur illi l-attur ma huwiex il-missier ta' wlied martu, madankollu ċaħdet it-talba tiegħu għax qagħdet fuq id-dottrina kif kienet qabel ma ngħatat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem is-sentenza Mizzi *vs* Malta[1], b'mod illi "dik id-deċiżjoni ssir applikabbli biss għal każijiet ta' rġiel isseparati *de facto* iżda mhux ukoll legalment li n-

[1] 12 ta' Jannar 2006 (Rik. 26111/02).

nisa tagħhom ikollhom wild matul dik is-separazzjoni *de facto* u fejn dak il-wild ikun trabba separatament minn dak li suppost huwa missieru. Il-każijiet ta' rġiel li jkunu jgħixu man-nisa tagħhom u mingħalihom li ulied dik il-mara huma wkoll uliedhom sakemm imbagħad jiskopru bl-infedeltà ta' marthom huma *ex hypotesi* esklużi mill-firxa ta' applikazzjoni ta' dik is-sentenza … … …".

6. Dan, igħid l-attur, ma għandux ikun għax "dik is-sentenza hija intiża sabiex tenunzja l-pozizzjoni ġuridika korretta fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u … tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'dak li jirrigwarda d-dritt tal-individwu għall-ħajja privata u familjari tiegħu li jinkludi wkoll id-dritt għal relazzjonijiet familjari li jkunu irregolati b'ċertezzi bioloġiċi u mhux minn preżunzjoni legali li tkun tikkontradixxi r-realtà tal-fatti … … …".

7. Igħid ukoll illi d-dottrina u l-ġurisprudenza li fuqhom straħet l-ewwel qorti huma ta' żmien qabel ma ngħatat dik is-sentenza, u qabel ma saru l-emendi fil-liġi b'konsegwenza ta' dik is-sentenza, u għalhekk ma għad-homx jiswew għall-każ tallum. Jidhirlu wkoll illi l-ewwel qorti "ġiet influwenzata sabiex tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha minħabba xi preġudizzju jew riluttanza sabiex tagħti l-klassifika ta' "tfal illeġittimi" lill-ulied tal-konvenuta, bħallikieku l-i*status* ta' illeġittimatà jġorr miegħu xi stigma jew *taboo* li ma humiex mgħobbija bih ulied leġittimi" meta, taħt il-liġi kif inhi llum, "ġiet eliminata għal kollox u darba għal dejjem kwalsiasi distinzjoni bejn wild leġittimu u ieħor illeġittimu".

8. L-attur jagħlaq ir-rikors tal-appell tiegħu b'dawn l-osservazzjonijiet:

«… [I]l-*proviso* tal-artikolu 73(3)[2] neċessarjament għandu jkollu effett determinanti fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-artikoli 81(2) u 67 tal-Kap. 16 fis-sens li ġej. Il-leġiżlatur illum jippermetti lil raġel ta' omm ulied li jimpunja l-filjazzjoni ta' wlied dik l-omm anke wara li jkun għadda l-perjodu li qabel kien iservi ta' perjodu ta' dekadenza fatali u mingħajr il-bżonn li jissodisfa r-rekwiżiti rigoruzi u strettissimi qabel naxxenti mil-liġi kif eżistenti qabel l-emendi. Darba dan huwa hekk ir-riġidità tal-

2 *Recte*, art. 73.

inattakkabbilità tal-i*status* ta' wlied li trabbew fi ħdan il-familja ta' dak ir-raġel illum trid neċessarjament tiġi abbandunata. Jekk l-eżamijiet bioloġiċi rikonoxxuti mil-liġi jippruvaw *oltre* kull dubbju li l-esponenti ma huwiex missier l-ulied ta' martu, ir-riżultanzi ta' dawk l-eżamijiet għandhom jipprevalu fuq il-preżunzjoni legali irraġjonevoli u skorretta li titwieled minn interpretazzjoni ristrettiva tal-artikoli fuq iċċitati.

«Finalment, u minghajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jissottometti illi, f'każ li din l-onorabbli qorti tħoss, bħall-ewwel onorabbli qorti, li minkejja l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq li lkoll ġew ittraskurati minn dik il-qorti, hija għandha idejha marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 91(2) u 67 tal-Kap. 16, dawn id-dispożizzjonijiet jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tiegħu fit-termini tal-artikolu 14 moqri flimkien mal-artikolu 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk minn issa jitlob riferenza lill-qorti kompetenti sabiex hija teżamina u tiddeċiedi dwar dan il-punt. Fl-aħħar mill-aħħar hija konsegwenza naturali tal-fatt li raġel li jkun jikkoabita ma' martu u ma jkunx jaf bl-infedeltà tagħha jrabbi lil uliedha bħallikieku kienu wliedu sal-mument li huwa jiskopri l-verità dwar l-infedeltà u dwar il-fatti bioloġiċi. Ikun kontro-sens li l-liġi tippermetti lil dak ir-raġel sabiex jippreżenta 'l quddiem kawża ta' denegatà paternità sabiex imbagħad issabbatlu l-bieb f'wiċċu u tiddikjara l-azzjoni tiegħu improponibbli għaliex ulied martu jgawdu l-istat ta' wlied leġittimi.»

9. Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb fit-2 ta' Awissu 2011 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud. Qal illi s-sentenza Mizzi *versus* Malta msemmija mill-attur tolqot "biss it-terminu għall-azzjoni li r-raġel jista' jieħu sabiex jiċħad li jagħraf lit-tifel bħala ibnu" u "wasslet għat-tibdil tal-artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili sabiex jekk it-termini kollha msemmija fl-artikolu 73(*a*), (*b*) u (*ċ*) igħaddu, il-qorti tista' f'kull żmien tawtorizza lir-raġel sabiex jiftaħ kawża biex jiċħad tifel imwieled matul iż-żwieġ lil martu … ", iżda "l-artikoli 81(2) u 67 tal-Kodiċi Ċivili ma ġew affettwati bl-ebda mod b'din is-sentenza". Ikompli jgħid hekk:

«… f'dan il-każ il-prova li ġiet miġjuba mir-rikorrent kienu t-testijiet ġenetiċi li jippruvaw li t-tfal minuri ma humiex ulied ir-rikorrenti u allura li martu fil-fatt għamlet adulterju.
«Iżda minkejja dan, wieħed ma għandu qatt iwarrab l-interess suprem tat-tfal u jaghti priorità għal dak li jixtiequ l-ġenituri. Ma ninsewx li tfal li minn dejjem kienu jgħixu f'familja fejn kien mingħalihom li missierhom huwa r-raġel ta' ommhom u li dejjem kienu meqjusin u maħbubin minnu bħallikieku kienu tassew uliedu, ħa jgħaddu minn trawma liema bħalha.
«… … …
«… huwa minnu li l-qorti semmiet il-leġittimità tat-tfal iżda ma rridux ninsew li fl-artikolu 80(1) tal-Kodiċi Ċivili l-liġi stess titkellem fuq: "Il-pussess tal-istat ta' iben *leġittimu*", u minkejja t-tibdil li semma' l-appellant fir-rikors tiegħu, il-kontenut u t-titolu ta' dan l-artikolu ma tbiddlux.»
10. Il-konvenuta wkoll wieġbet fil-5 ta' Awissu 2011 u talbet illi l-appell jiġi miċħud. Dwar l-argument tal-attur imsejjes fuq drittijiet fondamentali, il-konvenuta osservat illi dan l-ilment ma kellux isir quddiem din il-qorti iżda quddiem qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. Dwar il-meritu osservat illi, barra r-riżultat tal-eżamijiet ġenetiċi, ma tressqux provi illi juru illi l-minuri għandhom stat differenti minn dak li jidher fuq l-att ta' twelid tagħhom. Barra minn hekk, għalkemm l-attur dejjem kien jaf illi t-tfal ma humiex l-ulied naturali tiegħu, qatt ma irrifjuta li jagħrafhom bħala wliedu jew li jmantnihom.
11. Fil-fehma ta' din il-qorti, id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jolqtu l-każ tallum huma dawk tal-artt. 67, 70(1)(*d*), 73 (l-ewwel *proviso*) u 81 tal-Kodiċi Ċivili:

**67.** L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu.

**70.** (1) Ir-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ –

(*d*) jekk jipprova li fiż-żmien [relevanti] martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità.

**73.** Fil-każijiet illi r-raġel jista' jagħmel kawża sabiex jiċħad li jagħraf tifel bħala ibnu, hu għandu jagħmel l-azzjoni [fi żmien sitt xhur]:

Iżda … … … il-Qorti tal-Familja tista’, wara li jsir rikors mir-raġel u, jekk ikun possibbli, wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-raġel u tat-tifel, f’kull żmien tawtorizza lir-raġel biex jibda kawża biex jiċħad tifel imwieled matul iż-żwieġ lil martu.

**81.** (2) … [Ħ]add ma jista’ jattakka l-istat ta’ iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta’ tifel li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.»

12. Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, l-azzjoni tallum setgħet issir taħt il-*proviso* għall-art. 73 wara li l-attur ingħata l-awtorizzazzjoni meħtieġa b’dikriet tal-1 ta’ Diċembru 2010. Li ma kienx għal dak il-*proviso* l-azzjoni kienet taqa’ b’dekadenza billi saret sew wara li għaddew is-sitt xhur li jagħti l-art. 73. Dak il-*proviso* kien iddaħħal fil-liġi b’konsegwenza tas-sentenza msemmija fuq tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Mizzi *vs* Malta li kienet sabet ksur tad-drittijiet tar-rikorrent f’dak il-każ mhux minħabba t-termini li tagħti l-liġi iżda għax ir-rikorrent qatt ma kellu l-possibilità legali li jinqeda bi provi xjentifiċi ġenetiċi tal-paternità: “*in the present case the practical impossibility of denying paternity from the date of Y’s birth until the present day has impaired the essence of the applicant’s right to a court*”[3] u “*the fact that the applicant was never allowed to contest his paternity of Y was not proportionate to the legitimate aims pursued*”[4]. Dan ma huwiex il-każ tallum għax sa minn meta twieldu l-ulied l-attur kellu l-possibilità legali li jġib dawk il-provi.

13. Fil-fatt il-*proviso* għall-art. 73 għalhekk jidher li ddaħħal biex jilqa’ għall-possibilità li mezzi ta’ prova jsiru disponibbli biss wara li jkun għadda ż-żmien li tagħti l-liġi biex issir l-azzjoni ta’ ċaħda ta’ paternita, u għalhekk jagħti lill-qorti s-setgħa li tħalli illi l-azzjoni ssir ukoll wara li jkun għadda dak iż-żmien. Ħlief għat-terminu taż-żmien, ma huwiex maħsub biex iżid iċ-ċirkostanzi li fihom l-azzjoni għandha tirnexxi.

14. Il-qorti għalhekk għandha tinqeda b’dik is-setgħa f’ċirkostanzi eċċezzjonali, u “wara li tkun qieset id-drittijiet tar-raġel u tat-tifel”. Inċidentalment, dan juri illi l-

---

[3] Para. 89.

[4] Para. 114.

awtorizzazzjoni għandha tingħata wara deċiżjoni meqjusa u motivata, u mhux b'dikriet sommarju u mhux motivat, kif jidher illi huwa d-dikriet tal-1 ta' Diċembru 2010 li bih l-ewwel qorti tat lill-attur is-setgħa li jmexxi bl-azzjoni tallum.

15. L-ewwel qorti, għalkemm tat l-awtorizzazzjoni, qalet illi xorta għandu jgħodd għall-każ l-art. 81(2). Din il-qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. L-art. 81(2) kien ikun igħodd għall-każ ukoll li kieku l-azzjoni nġiebet fit-terminu ta' sitt xhur li, f'ċirkostanzi normali, jagħti l-art. 73, u għalhekk ma hemm ebda raġuni għala ma għandux igħodd meta l-azzjoni, wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni meħtieġa, tinġieb meta dak iż-żmien ikun għadda.

16. Għalhekk, l-argument tal-attur illi l-introduzzjoni tal-*proviso* għall-art. 73 bidlet il-ġurisprudenza u d-dottrina ta' qabel ma huwiex tajjeb. Imkien ma tgħid il-liġi illi l-provi ġenetiċi, weħedhom, huma biżżejjed biex, f'kull żmien, jibdlu l-istat tal-ulied.

17. L-attur jgħid ukoll illi l-ewwel qorti kienet motivata bi preġudizzju biex tħares l-istat leġittimu tal-ulied. Qal ukoll illi din il-ħtieġa llum ma għandha ebda relevanza għax ma hemm differenza ta' xejn bejn l-istat ta' wild leġittimu (*recte*, ta' wild imnissel matul iż-żwieġ) u dak ta' wild illeġittimu (*recte*, ta' wild imnissel barra ż-żwieġ).

18. Bla ma tasal biex tgħid illi l-istat ta' wild imnissel matul iż-żwieġ ma jiswa għal xejn, din il-qorti tasal biex taqbel mal-konvenut illi l-ħtieġa li jitħares dak l-istat illum hija inqas urġenti milli kienet qabel ma nbidlet il-liġi. L-azzjoni tallum, iżda, hija maħsuba mhux biss biex iċċaħħad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iż-żwieġ iżda wkoll biex iċċaħħadhom mill-familja li fiha llum trabbew, interess illi wkoll irid iħares l-art. 81(2), u huwa għalhekk illi l-liġi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel jew twieled matul iż-żwieġ u għandu stat li jaqbel ma' dak li jgħid l-att ta' twelid tiegħu.

19. L-aħħar argument tal-attur huwa illi l-interpretazzjoni li tat l-ewwel qorti, u li issa ġiet approvata minn din il-qorti, hija bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu. Il-konvenuta wieġbet illi dan l-ilment għandu jitressaq quddiem il-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali, mhux quddiem din il-qorti.

20. Għalkemm din il-qorti tapplika l-liġijiet kollha tal-pajjiż, fosthom dawk li jħarsu d-drittijiet fondamentali, fis-

sens illi l-liġi ordinarja trid tapplikaha fid-dawl ta' dawk il-liġijiet u b'mod konformi magħhom, ma tistax tagħti interpretazzjoni *contra legem* jew tagħżel li ma tapplikax liġi ordinarja minħabba ksur ta' drittijiet fondamentali. Fil-fatt l-attur ma talabx illi din il-qorti tagħmel hekk, iżda talab illi ssir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif irid l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja [Kap. 319].

21. Il-kwistjoni hi jekk, fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-kawża fuq imsemmija ta' Mizzi *versus* Malta, *viz.* illi "*a situation in which a legal presumption is allowed to prevail over biological reality might not be compatible, even having regard to the margin of appreciation left to the State, with the obligation to secure effective "respect" for private and family life*"[5], il-fatt illi l-liġi ma tħallix lill-attur jiċħad li jagħraf lil ulied martu meta hemm prova xjentifikament oġġettiva illi ma humiex uliedu huwiex bi ksur tal-jeddijiet tiegħu mħarsa taħt l-artt. 6.1, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

22. Billi, fil-fehma ta' din il-qorti, it-tqanqil ta' din il-kwistjoni ma huwiex frivolu jew vessatorju, tordna illi l-atti jintbagħtu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din, kif igħid u jrid l-art. 4(3) tal-Kap. 319, twieġeb għal din il-mistoqsija: meta b'applikazzjoni tal-artt. 67 u 81(2) tal-Kodiċi Ċivili l-attur ma jitħalliex jiċħad l-ulied ta' martu meta jista' jġib provi ġenetiċi u xjentifiċi li dawn ma humiex uliedu, huwiex dan bi ksur tal-artt. 6.1, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

23. Tiddifferixxi s-smigħ *sine die* sabiex, fuq talba ta' min mill-partijiet ikollu interess, jitkompla wara illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tkun wieġbet għal din il-mistoqsija, b'dan illi l-kawża ma titqiegħedx fuq il-lista tal-kawżi li jmorru deżerti ħlief b'seħħ minn dakinhar meta d-deċiżjoni dwar il-kwistjoni dwar il-ksur tal-jeddijiet fondamentali ssir finali. Tipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali.

[5] Para. 113.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------